**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: ________________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**

2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

*Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:*

# Il-*Lighter*




***Il-Lighter***

Dan l-aħħar sibt xi ħaġa li kont ili li tlift. Hekk kif sibtha ftakart f'episodju minn ħajti li ma tantx għandi biex niftaħar bih. Għall-kuntrarju, għandi biex nistħi! (*par. 1*)

Ħija ż-żgħir kellu ħabib li kien xi ftit ħawwadi. Darba waħda naqsitli *lighter* tas-sigaretti li kienet tassew għal qalbi. Fittixtha fuq li fittixtha iżda għalxejn. Ma kienet tidher imkien. Jien daħħalt f'moħħi li kien dak il-ħabib ta' ħija li ħadhieli iżda ma għedt xejn. Għal snin twal dak il-ħabib kien dak li seraqni. (*par. 2*)

Kbirt u żżewwiġt u meta ġarrejt ħwejġi erġajt fittixt, iżda għal xejn. Wara xi għaxar snin miżżewweġ biddilna d-dar u erġajna ġarrejna. Jien ftaħt għajnejja sew għal dik il-*lighter*. Iżda għalxejn! Il-*lighter* baqgħet ma dehret imkien. (*par. 3*)

Darba waħda kont qed niftaħ kaxxa qadima u hemm, ġewwa fiha, kien hemm din l-imbierka *lighter*. Qalbi ħabbtet bil-qawwa u ħassejtni qisni kont sraqtha jien. Dak il-ħabib kien innoċenti mija fil-mija u jien kont il-miskin li għal ħafna snin żammejt f'qalbi ħsieb ikrah fuq ħaddieħor mingħajr ebda provi. (*par. 4*)

Imn'Alla li ma kont għedt lil ħadd b'dak is-suspett li kelli għax kieku kif kien se jirnexxili niġbor lura l-malafama? Minn din il-ġrajja ħadt tagħlima. Qabel ma nitkellmu fuq ħaddieħor, aħjar naħsbu sew x'se ngħidu. Anke jekk il-fatt ikun minnu, xi dritt għandna li nxandru x'għamel ħaddieħor? Jien nammetti li għal ftit drabi kont ħati wkoll. Il-verità tal-fatti spiss tinbidel jekk narawha minn lenti oħra. U, barra minn hekk, ħadd m'hu sid assolut tal-verità u ħadd m'għandu xi dmir - aħseb u ara obbligu - li jxandar fuq ħaddieħor. (*par. 5*)

Kemm hu għaref min iżomm fommu sieket. (*par. 6)*

(*Addattament minn kitba ta' Philip Farrugia Randon)*

| **A. FEHIM IT-TEST** | (10 marki) |
|---|---|

1. X'kien tilef l-awtur ta' din is-silta?

________________________________________ (marka)

2. X'ġara malli l-awtur sab dik il-ħaġa li kien tilef?

________________________________________ (marka)

3. Il-ħabib ta' ħu l-awtur kien bniedem tassew bil-għaqal.

VERU ____ FALZ ____ (marka)

4. X'kien ħaseb l-awtur meta ra li l-*lighter* ma kinitx dehret iżjed?

________________________________________ (marka)

5. Semmi d-darbtejn li l-awtur biddel id-dar tiegħu.

(i) ________________________________________

(ii) ________________________________________ (2 marki)

6. Fejn instabet il-*lighter*?

________________________________________ (marka)

7. Għaliex l-awtur jgħid: "Ħassejtni qisni kont sraqtha jien"?

________________________________________ (marka)

8. Semmi żewġ tagħlimiet li taħseb li ħa l-awtur minn din il-ġrajja.

(i) ________________________________________

(ii) ________________________________________

________________________________________ (2 marki)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (20 marka) |
|---|---|

## GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Mill-verb **raqad** noħorġu l-***parteċipju attiv*: rieqed**. Oħroġ parteċipju attiv maskil mill-verbi li ġejjin:

   (a) mill-verb **niżel** noħorġu l-parteċipju attiv: ________________

   (b) mill-verb **tela'** noħorġu l-parteċipju attiv: ________________ (2 marki)

2. Sib verb trux minn *paragrafu 3*. Il-verb hu: __________________ (marka)

3. Il-verb **nxandru** (*par. 5*), li l-mamma tiegħu hi **xandar**, hu verb:
   (a) ***trilitteru*** ___; (b) ***kwadrilitteru*** ___; (ċ) ***irregolari***___. (marka)

4. Ikteb dawn il-verbi fil-forma mitluba. (L-ewwel waħda lesta għalik.)

   (i) kiser: fit-***2 forma*** jsir _____**kisser**______

   (ii) qaleb: fil-***5 forma*** jsir ________________

   (iii) talab: fis-***7 forma*** jsir ________________

   (iv) ħaddar: fid-***9 forma*** jsir ________________ (3 marki)

5. Agħti l-***parteċipju passiv***: (i) tal-verb **ittradejna**: __________________

   (ii) tal-verb **ixxokkja**: __________________ (2 marki)

6. Sib minn *paragrafu 4* dawn li ġejjin :

   (i) ***prepożizzjoni*** marbuta ma' l-artiklu: _________

   (ii) ***prepożizzjoni*** mqassra: _________ (2 marki)

## LESSIKU / VOKABULARJU

7. Agħti kelma waħda flok il-frażi ***daħħalt f'moħħi*** *(par. 2)*: ______________ (marka)

8. Sib f'*paragrafu 4*, frażi li tfisser ***totalment*** : ________________________ (marka)

9. Sib f'*paragrafu 5*, kelma li tfisser ***dover***: ____________________ (marka)

10. Il-kelma ***lighter*** hi ta' nisel: Semitiku ___; Rumanz___; Ingliż ___. (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

11. Għal min qiegħed jirreferi l-verb ***ħa*** fil-kelma ***ħadhieli*** *(par. 2)*?

Qiegħda tirreferi għall-______________________________ (marka)

12. Il-frażi ***ftaħt għajnejja*** (*par. 3*) tfisser:______________________________ (marka)

13. Il-kelma ***seraqni*** *(par. 2)* hi magħmula mill-kelmiet: __________ u _____ (marka)

**SINTASSI**

14. Għaqqad dawn iż-żewġ sentenzi f'waħda bla ma tuża l-konġunzjoni **u**:

Il-*lighter* ma kienet tidher imkien. Jien daħħalt f'moħħi li kien dak il-ħabib ta' ħija li ħadhieli.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (4 marki) |
|---|---|

**IDJOMI U QWIEL**

**(i) Fisser dawn iż-żewġ idjomi b'sing taħthom:**

(a) L-aħbar tal-mewt ta' sieħbu waslet bħal sajjetta fil-bnazzi.

____________________________________ (marka)

(b) Kulħadd kien liebes sewwa għax kien hemm kesħa xxoqq l-għadam.

____________________________________ (marka)

**(ii) Kompli l-qawl li jaqbel għal din is-sentenza:**

Kevin ħa riħ qawwi u biex fieq minnu dam itabbab xhur sħaħ.

Il-qawl jgħid:

***Il-mard jidħol*** ______________________________________________________

(2 marki)

| D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV | (8 marki) |
|---|---|

Agħżel waħda minn (a) u (b) u ikteb madwar **60 kelma**.



(a) Din il-ġimgħa l-lokal ta' Ħal Muxi ntlaqat minn maltempata qawwija wara ġranet ta' sħana kbira. Ikteb rapport għall-gazzetta *Leħen Ħal Muxi* li fih tiddeskrivi din il-maltempata u l-ħsarat li ħalliet warajha.

**JEW**

(b) Tnejn minn sħabek qegħdin jippjanaw safra f'pajjiż fl-Ewropa. Huma talbuk parir dwar liema pajjiż għandhom iżuru u għaliex għandhom imorru f'dan il-post.

| E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI | (8 marki) |
|---|---|

Agħżel tema **waħda** marbuta mal-proġett **L-Oqsma ta' l-Għerf tal-Kultura Maltija** u ikteb madwar **60 kelma** dwarha biex turi x'laqtek f'din it-tema li għażilt.

| F. LETTERATURA | (30 marka) |
|---|---|

(i) **Proża**

**Anestesija**

1. It-tifel ħassu jistordi wara li tela' fuq ______________________________. (marka)
2. Beppo l-buffu kien iħobb idoqq il- ________________________________. (marka)
3. It-tifel daħal fil-gaġġa ta' l-iljuni biex ______________________________. (marka)
4. ***Anestesija*** hu dramm li jikkritika lis- _____________________________. (marka)

**L-Isqaq**.

5. Omm Stejfen kienet taqla' xi sold billi ____________________________. (marka)
6. Romilda kienet it-tfajla li serqet qalb __________________ . (marka)
7. ____________ kien raġel pulit bid-daqna u kien jilbes kappell nofs tomna. (marka)
8. Kienet _______________ li qatlet lil Lugrez, u mhux Spigolò. (marka)

(ii) **Qawsalla: *Referenza għall-Kuntest***
Aqra sewwa dan ix-xogħol poetiku ta' Victor Fenech u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt:

**TRADIMENT**

Fil-vilel imxerrdin fuq żaqq l-għelieqi nara ġrieħi r-Redentur sidru
spulpjat. Naġġara bil-lexxun sawru l-kuruna/kaħħala sammru msiemer
fil-ħamrija flok is-siġar li xettluna.

Faċli tibqa' ħalqek sieket tħares biss: 'mma min jgħożż lil art twelidu
għandu dmir li jgħolli leħnu quddiem Alla li biss Sidu.

It-trombi ta' Ġeriku jidħlu jżarżru f'nofs il-kant ta' l-innu-talba tan-
nazzjon, waqt li n-nawsja mal-kustilji tifrex dlielha dielja niexfa,
moħħna tinfed bħal berrina biex therrina.

Jekk jista' jkun, Missier, tħallix dal-kalċi jgħaddi mingħalina
(madankollu naf: li jridu huma jsir mhux li rrid jiena).

1. Il-poeta ma' xiex qiegħed iqabbel il-vilel fuq żaqq l-għelieqi? (marka)

_______________________________________________________________________

2. Fit-tieni strofa l-poeta qiegħed iħeġġiġna biex aħna ____________________________

_____________________________________________________________. (marka)

3. Għalxiex qegħdin jirreferu l-kelmiet ***l-innu-talba tan-nazzjon***?

______________________________________________ (marka)

4. Sib mit-tielet strofa żewġ kelmiet li jirrimaw. __________ u __________

Din l-għamla ta' rima tissejjaħ rima ______________. (2 marki)

5. Din l-għamla ta' kitba poetika tissejjaħ: ____________________ (marka)

6. X'rabta għandha **Tradiment** mat-tema **Il-Protesta**? (4 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(iii) QAWSALLA: KOMPONIMENT LETTERARJU** (12-il marka)

Agħżel **waħda** minn (a) u (b) u ikteb madwar **100 kelma** dwarha fuq karta separata:

(a) Fit-tema ***Ir-Rispett fil-Familja*** nsibu kitbiet li juru li fil-familja mhux dejjem ikun hemm rispett bejn il-membri. Tkellem dwar ***żewġ kitbiet*** li juru dan.

(b) Fix-xogħlijiet tagħhom, il-poeti u l-kittieba ħafna drabi jipprotestaw kontra dak li jaraw ħażin madwarhom. Agħżel ***żewġ xogħlijiet*** mit-tema ***Il-Protesta*** u ikteb dwarhom.

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **300 kelma** fuq karta separata.



1. Morna noqogħdu f'dar ġdida.
2. Il-ħsara tat-tipjip.
3. X'inhu l-aħjar, ngħix f'belt jew f'raħal?
4. Il-pjanijiet tiegħi għas-sajf li ġej.
5. F'daqqa waħda nstemgħet karba tidwi f'dik id-dalma... (kompli din l-istorja).
6. Qis mitt darba u aqta' darba!